

Brussell, 24 ta' Lulju 2026
(OR. en)

12200/26

DUAL USE 56

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 395 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar id-delega tas-setgħa biex tadotta atti delegati konferit fuq il-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE)2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi reġim tal-Unjoni għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, is-sensurija, l-assistenza teknika, it-tranżitu u t-trasferiment ta' oġġetti b'użu doppju (riformulazzjoni)

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2026) 395 final.

Mehmuż: COM(2026) 395 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.7.2026
COM(2026) 395 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

dwar id-delega tas-setgħa biex tadotta atti delegati konferit fuq il-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE)2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi reġim tal-Unjoni għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, is-sensurija, l-assistenza teknika, it-tranżitu u t-trasferiment ta' oġġetti b'użu doppju (riformulazzjoni)

1. INTRODUZZJONI

Ir-Regolament (UE) 2021/821¹ (minn hawn' il quddiem "ir-Regolament dwar l-Użu Doppju" jew "ir-Regolament") ġie adottat fl-20 ta' Mejju 2021. Huwa jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009², u jtejjeb il-qafas tal-UE għall-kontroll tal-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju biex jindirizza l-avvanzi teknoloġiċi, isaħħaħ id-dimensjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u tas-sigurtà u jiżgura approċċ aktar unifikat fl-Istati Membri kollha tal-UE bl-oġġettiv li jirrispondi għal xenarju ġeopolitiku li qed jevolvi.

L-Anness I tar-Regolament dwar l-Użu Doppju jelenka oġġetti b'użu doppju li l-Istati Membri jridu jgħadduhom minn kontrolli tal-esportazzjoni, u jallinja r-Regolament mad-deċiżjonijiet meħuda fir-reġimi multilaterali għall-kontroll tal-esportazzjonijiet³. Ċerti oġġetti, meqjusa partikolarment sensittivi, huma inklużi fl-Anness IV li jeħtieġu awtorizzazzjoni għal trasferimenti intra-UE. L-Anness II jistabbilixxi l-awtorizzazzjonijiet ġenerali għall-esportazzjoni tal-Unjoni għall-esportazzjoni ta' ċerti oġġetti lejn ċerti destinazzjonijiet.

Skont l-Artikolu 17 tar-Regolament dwar l-Użu Doppju, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 18 sabiex temenda l-lista ta' oġġetti b'użu doppju stabbilita fl-Annessi I u IV u biex temenda l-Anness II billi tneħħi oġġetti u billi żżid jew tneħħi destinazzjonijiet mill-kamp ta' applikazzjoni tal-awtorizzazzjonijiet ġenerali għall-esportazzjoni tal-Unjoni.

Il-Kummissjoni nġhatat is-setgħa li tadotta atti delegati għal perjodu ta' ħames snin mid-9 ta' Settembru 2021.

2. BAŻI LEGALI

L-Artikolu 18(2) tar-Regolament dwar l-Użu Doppju jeħtieġ li l-Kummissjoni tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn 9 xhur qabel tmiem il-perjodu ta' 5 snin.

3. EŻERĊIZZJU TAD-DELEGA TAS-SETGħA LI TADOTTA ATTI DELEGATI

Bejn id-9 ta' Settembru 2021 u d-9 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni eżerċitat l-awtorità tagħha li tadotta atti delegati f'seba' okkażjonijiet biex tiżgura li l-lista tal-UE ta' oġġetti b'użu doppju tibqa' allinjata mad-deċiżjonijiet meħuda fi ħdan ir-reġimi multilaterali għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, u mal-impenji meħuda mill-Istati Membri, bħala membri tal-Ftehim ta' Wassenaar, biex jikkontrollaw oġġetti addizzjonali b'mod uniformi.

¹ Ir-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi reġim tal-Unjoni għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, is-senserija, l-assistenza teknika, it-tranżitu u t-trasferiment ta' oġġetti b'użu doppju (riformulazzjoni), ĠU L 206, 11.6.2021, p. 1.

² Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 tal-5 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju, ĠU L 134, 29.5.2009, p. 1.

³ Ir-reġimi multilaterali ewlenin li l-ftehimiet għall-biċċa l-kbira tal-kontrolli tal-esportazzjoni tal-UE jsiru permezz tagħhom huma l-Grupp Awstralja, is-Sistema ta' Kontroll tat-Teknoloġija tal-Missili, il-Grupp ta' Fornituri Nukleari u l-Ftehim ta' Wassenaar. L-UE hija membru ta' wieħed mir-reġimi multilaterali għall-kontroll tal-esportazzjonijiet eżistenti (il-Grupp Awstralja) u osservatur fil-Grupp ta' Fornituri Nukleari.

Barra minn hekk, b'reazzjoni għall-gwerra illegali ta' aggressjoni tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna, il-Kummissjoni adottat att delegat biex teskludi lill-Federazzjoni Russa mill-kamp ta' applikazzjoni tal-awtorizzazzjonijiet ġenerali għall-esportazzjoni tal-Unjoni.

F'konformità mal-Artikolu 18(4) tar-Regolament dwar l-Użu Doppju, il-Kummissjoni kkonsultat lill-esperti maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet qabel ma tadotta l-atti delegati.

Il-Kummissjoni adottat is-seba' atti delegati li ġejjin:

- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/2003 tat-8 ta' Settembru 2025 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-lista ta' oġġetti b'użu doppju⁴
- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/2547 tal-5 ta' Settembru 2024 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-lista ta' oġġetti b'użu doppju⁵,
- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/2616 tal-15 ta' Settembru 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-lista ta' oġġetti b'użu doppju⁶,
- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/996 tat-23 ta' Frar 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-lista ta' oġġetti b'użu doppju⁷
- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/66 tal-21 ta' Ottubru 2022 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-lista ta' oġġetti b'użu doppju⁸,
- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/699 tat-3 ta' Mejju 2022 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jneħħi lir-Russja bħala destinazzjoni mill-kamp ta' applikazzjoni tal-awtorizzazzjonijiet ġenerali għall-esportazzjoni tal-Unjoni⁹,
- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1 tal-20 ta' Ottubru 2021 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-lista ta' oġġetti b'użu doppju¹⁰.

⁴ C/2025/5947, ĠU L, 2025/2003, 14.11.2025.

⁵ C/2024/6093, ĠU L, 2024/2547, 7.11.2024.

⁶ ĠU L, 2023/2616, 15.12.2023.

⁷ C/2023/1164, ĠU L 138, 25.5.2023, p. 1-252.

⁸ C/2022/7424, ĠU L 9, 11.1.2023, p. 1-252.

⁹ C/2022/2885, ĠU L 1301, 4.5.2022, p. 1-3.

¹⁰ C/2021/7424, ĠU L 3, 6.1.2022, p. 1-260.

4. KONKLUŻJONI

Fid-dawl tal-ispjegazzjoni mogħtija fit-Taqsima 3, il-Kummissjoni tqis li hemm hteġa ċara għal estensjoni taċita tad-delega tas-setgħa prevista fl-Artikolu 17 tar-Regolament dwar l-Użu Doppju għal perjodu ta' 5 snin.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jieħdu nota ta' dan ir-rapport.